REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1564

tas-17 ta' Ottubru 2018

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tad-dolomit-manjeżit bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, bl-eċċezzjoni tal-baqar tal-ħalib u ruminanti oħra għall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib, il-ħnienes miftuma u l-ħnieżer għat-tismin

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tad-dolomit-manjeżit. Ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tad-dolomit-manjeżit bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, li jrid jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".

(4) Il-preparat tad-dolomit-manjeżit li tifforma parti mill-kategorija ta' "addittivi teknoloġiċi", kien awtorizzat preċedentement għal għaxar snin bħala addittiv tal-għalf għall-baqar tal-ħalib u għal ruminanti oħrajn għall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib, għall-ħnienes tal-fatma u għall-ħnieżer għat-tismin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1964 ([2]).

(5) Fl-opinjonijiet tagħha tas-17 ta' April 2018 ([3]) u tal-25 ta' Jannar 2017 ([4]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni tad-dolomit-manjeżit ma tħallix effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li din hija effettiva bħala antiagglomerant. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni tad-dolomit-manjeżit turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-użu ta' din il-preparazzjoni jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "antiagglomeranti", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1964 tad-9 ta' Novembru 2016 dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' preparat tad-dolomit-manjeżit għall-baqar tal-ħalib u għal ruminanti oħrajn għall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib, għall-ħnienes tal-fatma u għall-ħnieżer għat-tismin u ta' preparat tal-montmorillonit-illit għall-ispeċijiet kollha tal-annimali bħala addittivi tal-għalf (ĠU L 303, 10.11.2016, p. 7).
([3]) *EFSA Journal* 2018;16(5):5272.
([4]) *EFSA Journal* 2017;15(2):4711.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Additivi teknoloġiċi: antiagglomeranti								
1g598	Dolomit-Manjeżit	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta' taħlita naturali ta': Dolomit u manjeżit ≥ 40 % (b'kontenut minimu ta': karbonati 24 %). *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Dolomit Numru CAS 16389-88-1 $(CaMg)(CO_3)_2$ Manjeżit Numru CAS 546-93-0 $MgCO_3$ Talk (silikati idrati tal-manjeżju) Numru CAS 14807-96-6 $Mg_3Si_4O_{10}(OH)_2$ Talk ≥ 35 % Klorit (aluminju–manjeżju) Numru CAS 1318-59-8 $(Mg,Fe,Al)_6(Si, Al)_4O_{10}(OH)_8$ Ħadid (strutturali) 6 % (medja) Klorit ≥ 16 % Minħajr kwarz u asbestos	L-ispeċijiet u l-kategoriji kollha bl-eċċezzjoni tal-baqar tal-ħalib u ruminanti oħra għall-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib, il-ħnienes miftuma u l-ħnieżer għat-tismin	—	5 000	20 000	1. Fit-tikkettar tal-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel li fihom dan l-addittiv, għandu jiġu indikat dan li ġej: "L-addittiv dolomit-manjeżit huwa rikk fil-ħadid (inert)". 2. Għall-utenti tal-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzazzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawn ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa għall-minimu bi proċeduri u b'miżuri ta' dan it-tip, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'apparat ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tannifs.	It-8 ta' Novembru 2028

Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
		Metodu analitiku (1) Karatterizzazzjoni tal-addittiv tal-għalf: — Diffrazzjoni tar-raġġi X (XRD) flimkien ma' — spettrofotometrija tal-assorbiment atomiku (AAS)						

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports